# Termini u Kundizzjonijiet

## ***għal Ismijiet ta' Dominju .eu, .ею u .ευ.***

EURid vzw

Verżjoni 13.0, 13 ta' Ottubru 2022

# Werrej


Kolofon . . . 1
1. Definizzjonijiet . . . 2
2. Kif tirreġistra l-Isem ta’ Dominju tiegħek . . . 3
3. L-obbligi tiegħek . . . 3
4. Terminu, tiġdid u terminazzjoni . . . 4
5. Tariffi u ħlas . . . 5
6. Tilwim . . . 5
7. Responsabbiltà . . . 5
8. Liġi u ġuriżdizzjoni applikabbli . . . 6
9. Protezzjoni ta’ data personali . . . 6
10. Reviżjoni . . . 7
11. Punti Varji . . . 7

# Kolofon

EURid vzw
Telecomlaan 9
1831 Diegem
IL-BELĠJU
RPR Brussell - VAT BE 0864.240.405
Tel. +32 2 401 27 50

info@eurid.eu
https://www.eurid.eu

© Termini u Kundizzjonijiet għal Ismijiet ta' Dominju .eu, .ею u .ευ: (2022).
Dan il-materjal huwa protett bid-drittijiet tal-awtur. Id-drittijiet kollha riżervati.
Ħlief għall-użu intern, l-ebda parti minn dan il-materjal ma tista' tiġi riprodotta u / jew ippubblikata fl-ebda forma jew bl-ebda mezz, elettroniku, mekkaniku, fotokopji, jew b'mod ieħor, mingħajr il-permess bil-miktub minn qabel tal-awtur.

Dawn it-termini u kundizzjonijiet (**"Termini u Kundizzjonijiet"**) jikkostitwixxu ftehim vinkolanti bejn EURid, ir-Reġistru u inti, id-Detentur tal-Isem ta' Dominju.

Billi tirreġistra jew iġġedded l-Isem ta' Dominju tiegħek, inti tikkonferma li qrajt, fhimt, u taqbel li tintrabat b'dawn it-Termini u Kundizzjonijiet, li jistgħu jiġu aġġornati kif spjegat hawn taħt.

# 1. Definizzjonijiet

| Terminu | Definizzjoni |
|---|---|
| **Isem ta' Dominju** | tfisser isem ta' dominju taħt id-Dominju tal-Ogħla Livell ta' .eu u l-varjanti tiegħu f'kitbiet oħrajn (.ею u .ευ). |
| **Detentur tal-Isem ta' Dominju, Reġistrant jew inti/tiegħek** | tfisser il-persuna fiżika, jew l-entità legali rappreżentata minn persuna awtorizzata li taġixxi f'isem tali entità legali, li tkun irreġistrat Isem ta' Dominju permezz ta' Reġistratur. |
| **Sospiż** | tfisser li l-Isem ta' Dominju ma jistax jiġi trasferit għal Detentur tal-Isem ta' Dominju ġdid u/jew għal Reġistratur ieħor u li d-Detentur tal-Isem ta' Dominju ma jistax ibiddel id-data tar-reġistrazzjoni relatata mal-Isem ta' Dominju sakemm joħroġ l-eżitu ta' ADR jew proċediment tal-qorti. |
| **Reġistratur** | tfisser il-persuna fiżika jew entità legali li hija akkreditata minna biex tipprovdi servizzi ta' reġistrazzjoni lid-Detentur tal-Isem ta' Dominju, jew direttament jew permezz tar-rivendituri, aġenti jew sottokuntratturi tagħha f'konformità ma' dawn it-Termini u Kundizzjonijiet. |
| **Reġistru, EURid, jew aħna** | tfisser l-assoċjazzjoni mingħajr skop ta' qligħ EURid vzw (RPR Brussell – VAT BE 0864.240.405, bl-uffiċċju rreġistrat f' Telecomlaan 9, 1831 Diegem, il-Belġju) maħtura mill-Kummissjoni Ewropea bħala l-maniġer tar-reġistru tad-Dominju tal-Ogħla Livell .eu u l-varjanti tiegħu f'kitbiet oħrajn (.ею u .ευ). |
| **Irrevoka(t) / Revoka / Revokazzjoni** | tfisser li l-Isem ta' Dominju huwa (temporanjament) mhux attiv, soġġett għal investigazzjoni, li l-eżitu tagħha tirriżulta f'li l-isem ta' dominju jerġa' jiġi attivat jew isir disponibbli għar-reġistrazzjoni fuq bażi ta' min jiġi l-ewwel jinqeda l-ewwel. |

| Terminu | Definizzjoni |
|---|---|
| **Regoli** | tfisser il-leġiżlazzjoni, ir-regolamenti u r-regoli kollha (tal-UE) applikabbli għal ismijiet ta' dominju taħt .eu u l-varjanti tiegħu f'kitbiet oħrajn, dawn it-Termini u Kundizzjonijiet, ir-Regoli ADR, il-Politika tal-Privatezza u politiki, regoli u/jew regolamenti applikabbli oħrajn kif ippubblikati fuq is-Sit Web. |
| **Sit Web** | tirreferi għas-sit web uffiċjali tar-Reġistru (eurid.eu) jew siti web oħrajn imsemmijin. |

## 2. Kif tirreġistra l-Isem ta' Dominju tiegħek

Tista' tirreġistra Isem ta' Dominju permezz ta' Reġistratur fuq bażi ta' min jiġi l-ewwel jinqeda l-ewwel, sakemm tkun tissodisfa l-kriterji ta' eliġibbiltà stabbiliti hawn, l-Isem ta' Dominju jkun disponibbli u jkun jissodisfa r-rekwiżiti tekniċi kif ippubblikati fuq is-Sit Web tagħna.

Ir-reġistrazzjoni tal-Isem ta' Dominju tiegħek tista' tkun soġġetta għal verifika tad-data ta' reġistrazzjoni tiegħek u għal xi kontrolli ta' sigurtà addizzjonali fi kwalunkwe mument, jew qabel jew wara li l-Isem ta' Dominju tiegħek jiġi inkluż fiż-żona u l-funzjonament .eu, .ею jew .ευ.

Tista' tittrasferixxi l-Isem ta' Dominju tiegħek lil Reġistratur ieħor u/jew lil Detentur ta' Isem ta' Dominju ġdid li jkun jissodisfa l-kriterji ta' eliġibbiltà f'konformità mal-proċedura indikata fuq is-Sit Web tagħna.

## 3. L-obbligi tiegħek

Matul it-Terminu tar-reġistrazzjoni tal-Isem ta' Dominju tiegħek, inti trid:

a. tirrispetta r-Regoli applikabbli kollha u tissodisfa l-kriterji ta' eliġibbiltà li ġejjin:

   i. inti ċittadin tal-Unjoni Ewropea, tal-Iżlanda, tal-Liechtenstein jew tan-Norveġja, irrispettivament mill-post ta' residenza tiegħek; jew

   ii. inti persuna fiżika li m'intix ċittadin tal-Unjoni Ewropea, tal-Iżlanda, tal-Liechtenstein jew tan-Norveġja, iżda inti resident ta' Stat Membru tal-Unjoni Ewropea, tal-Iżlanda, tal-Liechtenstein jew tan-Norveġja; jew

   iii. inti impriża stabbilita fl-Unjoni Ewropea, fl-Iżlanda, fil-Liechtenstein jew fin-Norveġja; jew

   iv. inti organizzazzjoni stabbilita fl-Unjoni Ewropea, fl-Iżlanda, fil-Liechtenstein jew fin-Norveġja mingħajr preġudizzju għall-applikazzjoni tal-liġi nazzjonali;

b. iżżomm id-data tar-reġistrazzjoni tiegħek preċiża, kompluta u aġġornata f'kull mument. Id-data tar-reġistrazzjoni tiegħek trid tkun data tiegħek stess u ma tridx tkun dik tar-Reġistratur tiegħek, jew ta' detentur bi prokura jew ta' rappreżentant ta' persuna fiżika jew entità legali li ma tkunx tissodisfa l-kriterji ta' eliġibbiltà. Meta trid tista' tiċċekkja d-data tar-reġistrazzjoni tiegħek permezz tal-WHOIS ibbażata fuq il-web jew tal-portal sigur tar-reġistrant disponibbli fuq is-Sit Web tagħna. Jekk id-data tar-reġistrazzjoni tiegħek tkun teħtieġ li tiġi aġġornata, tista' taġġornaha permezz tar-Reġistratur tiegħek biss. Data tar-reġistrazzjoni mhux preċiża għandha tikkostitwixxi ksur ta' dawn it-Termini u Kundizzjonijiet u raġuni għar-Revoka tal-Isem ta' Dominju tiegħek;

c. tipprovdilna, fuq talba, l-informazzjoni kollha li tivverifika d-data tar-reġistrazzjoni tiegħek;

d. tiżgura li d-data tar-reġistrazzjoni tiegħek tkun tinkludi indirizz tal-email li jiffunzjona fejn tista' tiġi kkuntattjat direttament;

e. ma tirreġistrax jew ma tużax l-Isem ta' Dominju tiegħek b'mod spekulattiv jew abbużiv, b'mod li jikser kwalunkwe dritt ta' partijiet terzi, liġijiet jew regolamenti applikabbli, b'mala fede, li jmur kontra l-interess pubbliku jew il-moralità, jew għal kwalunkwe skop illegali;

f. tinnotifikana minnufih dwar kwalunkwe proċediment legali relatat mal-Isem ta' Dominju tiegħek.

# 4. Terminu, tiġdid u terminazzjoni

It-terminu (li jista' jiġġedded) tar-reġistrazzjoni tal-Isem ta' Dominju tiegħek ("**Terminu**") jibda mid-data ta' reġistrazzjoni tiegħu u jvarja minn sena (1) sa għaxar (10) snin. Sakemm ma jkunx iddikjarat mod ieħor hawnhekk jew sakemm mhux maqbul mod ieħor, it-Terminu għandu jiġġedded b'mod taċitu għal perjodi konsekuttivi ta' sena (1).

Ma huwiex possibbli li tittermina r-reġistrazzjoni tal-Isem ta' Dominju tiegħek direttament magħna. Tista' tittermina r-reġistrazzjoni tal-Isem ta' Dominju tiegħek f'konformità mal-ftehim tiegħek mar-Reġistratur tiegħek. Tali terminazzjoni għandha tidħol fis-seħħ biss jekk nirċievu talba għal tħassir mingħand ir-Reġistratur tiegħek qabel it-tmiem tat-Terminu. Jekk ma nirċievu l-ebda talba, tkun dovuta t-tariffa tat-tiġdid applikabbli.

Nistgħu nitterminaw ir-reġistrazzjoni tal-Isem ta' Dominju tiegħek u Nirrevokaw l-Isem ta' Dominju tiegħek fil-każijiet li ġejjin:

a. b'notifika ta' deċiżjoni finali minn qorti ta' Stat Membru, tal-Iżlanda, tal-Liechtenstein jew tan-Norveġja li tqis l-Isem ta' Dominju difamatorju, razzist jew kontra l-politika pubblika jew is-sigurtà pubblika skont id-dritt tal-Unjoni jew liġi nazzjonali li tikkonforma mad-dritt tal-Unjoni;

b. b'notifika ta' deċiżjoni ta' soluzzjoni alternattiva għat-tilwim ("**ADR**") jew deċiżjoni finali minn qorti ta' Stat Membru, tal-Iżlanda, tal-Liechtenstein u tan-Norveġja li tikkunsidra l-Isem ta'

Dominju identiku jew tant simili li joħloq konfużjoni ma’ isem li dwaru hemm stabbilit dritt mill-Unjoni jew mil-liġi nazzjonali u li ġie rreġistrat mingħajr l-ebda dritt jew interess leġittimu fl-isem jew li ġie rreġistrat jew li qiegħed jintuża b’mala fede;

c. dejn mhux imħallas pendenti li tkun tafna;
d. inti ma tissodisfax il-Kriterji ta’ Eliġibbiltà;
e. inti tikser ir-Regoli tagħna.

Qabel ir-Revokazzjoni tal-Isem ta’ Dominju tiegħek ser ninnotifikawk b’email biex nagħtuk l-opportunità li tirrimedja, fejn possibbli, ir-raġunijiet għar-Revokazzjoni. Jekk ir-raġunijiet għar-Revokazzjoni ma jiġux irrimedjati jew ma jkunux jistgħu jiġu rrimedjati fil-ħin, aħna ser Nirrevokaw l-Isem ta’ Dominju.

## 5. Tariffi u ħlas

It-tariffi applikabbli li nitolbu lir-Reġistratur tiegħek għat-tranżazzjonijiet kollha bi ħlas, bħar-reġistrazzjoni, it-tiġdid, l-estensjoni, it-trasferiment, registry lock u l-attivazzjoni mill-ġdid tal-Isem ta’ Dominju tiegħek, jinsabu fuq is-Sit Web tagħna.

Inti responsabbli biss għall-ħlas fil-ħin lir-Reġistratur tiegħek ta’ kwalunkwe tariffa relatata mal-Isem ta’ Dominju tiegħek li aħna sussegwentement nirċievu mingħand ir-Reġistratur tiegħek. Ma aħniex responsabbli għal kwalunkwe nuqqas min-naħa tar-Reġistratur f’dan ir-rigward, inkluż fejn tali nuqqas jirriżulta fin-nuqqas ta’ reġistrazzjoni, it-tħassir jew ir-Revokazzjoni tal-Isem ta’ Dominju tiegħek.

## 6. Tilwim

Mingħajr preġudizzju għall-proċedimenti tal-qorti, kwalunkwe tilwim relatat mal-Isem ta’ Dominju tiegħek għandu jsir permezz ta’ fornitur ta’ ADR f’konformità mar-Regoli. F’każ ta’ tilwim, l-Isem ta’ Dominju tiegħek ser jiġi “Sospiż” fuq notifika bil-miktub ta’ ADR jew proċedimenti tal-qorti pendenti sakemm tali proċedimenti jintemmu u nkunu ġejna notifikati bid-deċiżjoni rilevanti.

## 7. Responsabbiltà

Ma nistgħux ninżammu responsabbli għal kwalunkwe telf, inkluż telf dirett jew indirett, telf bħala konsegwenza u telf ta’ profitti, kemm jekk kuntrattwali, abbażi ta’ tort (inkluż negliġenza) jew raġuni oħra, li jirriżulta minn jew ikun relatat mar-reġistrazzjoni jew l-użu tal-Isem ta’ Dominju tiegħek jew l-użu tas-software tiegħu jew tas-Sit Web tagħna, anke meta avżat dwar il-possibilità ta’ tali telf, inkluż iżda mhux limitat għal:

a. reġistrazzjoni jew tiġdid ta’ (jew in-nuqqas li tirreġistra jew iġġedded) Isem ta’ Dominju favur Detentur ta’ Isem ta’ Dominju jew parti terza minħabba żball li jikkonċerna l-identità jew l-informazzjoni ta’ kuntatt tagħhom;
b. terminazzjoni tal-awtorità tagħna li nirreġistraw Ismijiet ta’ Dominju fid-Dominju tal-Ogħla Livell;
c. drittijiet li jistgħu jinvokaw partijiet terzi fuq Isem ta’ Dominju;
d. problemi tekniċi jew difetti;
e. trasferiment jew nuqqas ta’ trasferiment ta’ Isem ta’ Dominju;
f. atti jew omissjonijiet min-naħa tar-Reġistratur, inkluż fejn tali nuqqas jirriżulta fin-nuqqas ta’ reġistrazzjoni jew it-tħassir tal-Isem ta’ Dominju kkonċernat.

F’każ li nintalbu minn kwalunkwe awtorità tal-infurzar tal-liġi li nieħdu kwalunkwe azzjoni kontra Isem ta’ Dominju (inkluż, iżda mhux limitat għal, ir-ridirezzjonament jew ir-Revokazzjoni ta’ Isem ta’ Dominju), aħna ser nikkonformaw ma’ tali talba. Ma nistgħux ninżammu responsabbli għal kwalunkwe ħsara u/jew telf li ġġarrab inti jew kwalunkwe parti terza bħala riżultat ta’ tali konformità.

F’kull każ, ir-responsabbiltà għal danni tagħna hija limitata għall-ammont tat-tariffa ta’ reġistrazzjoni li tapplika fiż-żmien meta titqajjem it-tilwima magħna. Inti taqbel li ebda dannu akbar jew ieħor ma jista’ jiġi mitlub mingħandna.

Inti responsabbli għal kwalunkwe miżata, spiża jew dannu li nistgħu nġarrbu minħabba l-ksur tiegħek ta’ dawn it-Termini u Kundizzjonijiet. Barra minn hekk, ma għandekx iżżommna responsabbli f’każ ta’ talbiet imressqa jew tilwim mibdi minn partijiet terzi, u għandek tikkumpensana għal kwalunkwe miżata jew spiża mġarrba jew dannu li nistgħu nsofru jekk partijiet terzi jieħdu azzjoni kontrina minħabba li r-reġistrazzjoni jew l-użu tal-Isem ta’ Dominju tiegħek ikun jikser id-drittijiet ta’ tali partijiet terzi.

## 8. Liġi u ġuriżdizzjoni applikabbli

Dawn it-Termini u Kundizzjonijiet huma soġġetti għal-liġi Belġjana. F’każ ta’ kwalunkwe tilwim bejnek u EURid, il-qrati fi Brussell (il-Belġju) għandhom ikollhom ġuriżdizzjoni esklussiva.

## 9. Protezzjoni ta’ data personali

Billi tirreġistra u ġġedded l-Isem ta’ Dominju tiegħek u taċċetta dawn it-Termini u Kundizzjonijiet, inti u, jekk applikabbli, kwalunkwe persuna oħra marbuta mal-Isem ta’ Dominju tiegħek, tawtorizzana biex nipproċessaw id-data personali tagħhom u data oħra meħtieġa biex tiġi operata

s-sistema tal-Isem ta’ Dominju f’konformità mar-Regoli li huma disponibbli fuq is-Sit Web tagħna.

## 10. Reviżjoni

L-Isem ta’ Dominju tiegħek ser ikun soġġett għar-Regoli fis-seħħ fid-data li jiġi rreġistrat jew imġedded l-Isem ta’ Dominju tiegħek, skont liema jiġi l-aħħar. Nistgħu nimmodifikaw dawn it-Termini u Kundizzjonijiet fi kwalunkwe mument; f’dak il-każ aħna ser intellgħu t-Termini u Kundizzjonijiet immodifikati fuq is-Sit Web tagħna u/jew ninnotifikawk mill-anqas tletin (30) jum qabel ma t-termini l-ġodda jsiru effettivi. Nistgħu niddispensaw il-perjodu ta’ avviż ta’ tletin (30) jum f’każ ta’ modifiki purament tekniċi jew proċedurali. Tali modifiki ser jidħlu fis-seħħ fiż-żmien meta tintbagħat in-notifika jew meta jitħabbru fuq is-Sit Web tagħna. Legati possibbli relatati mal-Ismijiet ta’ Dominju rreġistrati qabel id-data effettiva ta’ tali Termini u Kundizzjonijiet modifikati huma soġġetti għall-proċeduri li jinsabu fuq is-Sit Web tagħna.

## 11. Punti Varji

Nirriżervaw id-dritt li nikkuntattjawk fi kwalunkwe mument rigward kwistjonijiet relatati mal-Isem ta’ Dominju tiegħek. Kwalunkwe komunikazzjoni uffiċjali bejnietna għandha ssir f’waħda mil-lingwi uffiċjali tal-Unjoni Ewropea permezz tal-indirizz tal-email li pprovdejt meta rreġistrajt l-Isem ta’ Dominju tiegħek.

Kwalunkwe informazzjoni teknika jew proċedurali relatata mal-Isem ta’ Dominju tiegħek tista’ tinstab fuq is-Sit Web tagħna.

F’każ ta’ diskrepanza bejn il-verżjonijiet lingwistiċi differenti ta’ dawn it-Termini u Kundizzjonijiet, għandha tipprevali l-verżjoni bl-Ingliż.